2024/2756

24.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2756

tal-24 ta' Ottubru 2024

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2319 tal-25 ta' Novembru 2022 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319.

(2) Fis-27 ta' Settembru 2024, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit bir-Riżoluzzjoni 2653 (2022) tal-KSNU, żied żewġ persuni mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

BÓKA J.

[1] ĠU L 307, 28.11.2022, p. 135.

ANNESS

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319, fil-"Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1), u tal-entitajiet imsemmija fl-Artikoli 1(1) u 3(1)", taħt "PERSUNI", jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

"6. **Prophane VICTOR**. Elenkat skont il-paragrafu 15 tar- Riżoluzzjoni tal-KSNU Nru 2653 (2022) għall-miżuri elenkati fil-paragrafi 3, 6, u 11, kif elaborat aktar mill-paragrafi 16(a) u 16(b) ta' dik ir-Riżoluzzjoni.

Funzjoni: Eks membru tal-Parlament ta' Haiti, involut fit-traffikar tal-armi u l-użu tal-vjolenza biex jassigura gwadann politiku.

Data tat-twelid: -

Post tat-twelid: -

Nazzjonalità: Haitjan

Data tad-deżinjazzjoni tan-NU: 27 ta' Settembru 2024

Sess: raġel

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Prophane Victor ilu involut f'attivitajiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà, u l-istabbiltà ta' Haiti, kif ukoll tar-reġjun kollu. B'mod partikolari, ilu jappoġġa u jarma gruppi kriminali, jittraffika l-armi, jiddevja d-dħul tal-gvern, u juża l-vjolenza biex jassigura l-gwadanji politiċi u finanzjarji tiegħu.

Prophane Victor serva fl-aktar Assemblea Nazzjonali reċenti (2016-2020), fejn kien Membru tal-Parlament (deputé) għal Petite Riviere, id-dipartiment Artibonite, żona b'livelli dejjem jiżdiedu ta' vjolenza u ta' kontroll mill-gruppi kriminali. Biex jassigura li jiġi elett bħala deputé fl-2016 u bies jassigura l-kontroll tiegħu fuq iż-żona, Prophane Victor beda jarma rġiel żgħażagħ f'Petite Riviere li komplew jiffurmaw il-grupp kriminali Gran Grif, li bħalissa huwa l-awtur ewlieni ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż vjolenza sesswali, fid-dipartiment Artibonite (ara S/2023/674, il-paragrafu 75). M'għadux Membru tal-Parlament u ma hu qed iservi fl-ebda pożizzjoni politika.

Minbarra li jassigura l-pożizzjoni politika tiegħu permezz tal-użu ta' gruppi kriminali, Victor huwa eks uffiċjal doganali għoli u negozjant li għandu kontroll fuq partijiet tad-dipartiment doganali, biex b'hekk jista' jibni l-ġid u jinvolvi ruħu b'impunità f'firxa ta' attivitajiet kriminali. Skont rappurtar minn Jannar 2023, Victor hedded lil uffiċjali doganali fil-ħidma tagħhom.

Victor kompla jappoġġa l-grupp kriminali Gran Grif sal-2020 u minn dak iż-żmien 'l hawn appoġġa gruppi kriminali rivali f'dik iż-żona (ara S/2023/674, il-paragrafu 75).

7. **Luckson ELAN**. Elenkat skont il-paragrafu 15 tar-Riżoluzzjoni tal-KSNU Nru 2653 (2022) għall-miżuri elenkati fil-paragrafi 3, 6, u 11, kif elaborat aktar mill-paragrafi 16(a) 16(b), 16(d), 16(e), u 16(f) ta' dik ir-Riżoluzzjoni.

Funzjoni: Mexxej tal-grupp kriminali Gran Grif

Data tat-twelid: 6 ta' Jannar 1988

Post tat-twelid: -

Nazzjonalità: Haitjan

Data tad-deżinjazzjoni tan-NU: 27 ta' Settembru 2024

Sess: raġel

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Luckson Elan, mexxej tal-grupp kriminali Gran Grif, ilu involut f'attivitajiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà ta' Haiti, kif ukoll ir-reġjun kollu. Il-grupp kriminali tiegħu huwa l-akbar wieħed u l-aktar wieħed b'saħħtu fid-Dipartiment Artibonite u espanda l-kontroll territorjali tiegħu, bi twettiq ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, u traffikar ta' armi u munizzjon.

Fit-8 ta' Frar 2023, membri tal-Koalizzjoni tal-grupp ta' awtodifiża ta' Jean Denis interċettaw vettura ġejja minn Port-au-Prince li kienet qed iġġorr diversi kaxxi ta' armi u munizzjon destinati għall-grupp kriminali Gran Grif (ara r-rapport tal-OHCHR, 'Criminal Violence Extends beyond Port-au-Prince,' Novembru 2023).

Taħt it-tmexxija ta' Elan, l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u reati kriminali oħra mwettqa mill-grupp kriminali jinkludu qtil ekstraġudizzjarju, stupru, reklutaġġ ta' tfal, serq, qerda ta' proprjetà, ħtif ta' persuni, u ħtif illegali ta' trakkijiet. Pereżempju, fit-30 ta' Novembru 2023, Luckson Elan qatel mara talli rrifjutat li jkollha relazzjonijiet sesswali miegħu. F'April 2024, Gran Grif wettaq attakki fuq il-ġudikatura billi qatel żewġ avukati.

Bejn Ottubru 2023 u Jannar 2024, Gran Grif wettaq disa' ħtif tal-massa, li involvew 157 persuna. Gran Grif wettaq ukoll uħud mill-ogħla livelli ta' reklutaġġ ta' tfal f'Haiti.".